31985D0504

L 309/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.11.1985

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-11 ta' Novembru 1985
## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar arranġamenti ta' kummerċ għal sopop, zlazi u taħwir.

(85/504/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi taħt il-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fit-22 ta' Lulju 1972 iż-żewġ Partijiet Kontraenti jinpenjaw ruħhom li jippromwovu l-espansjoni ta' kummerċ reċiproku;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità, min-naħa l-waħda, u tal-Konfederazzjoni Svizzera, mill-oħra, li jheġġu l-kummerċ f'sopop, zlazi u taħwir permezz ta' konċessjonijiet ta' tariffa reċiproċi;

Billi l-Kummissjoni għamlet negozjati f'dan ir-rigward mal-Konfederazzjoni Svizzera u dawk in-negozjati riżultaw fi Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar arranġamenti ta' kummerċ għal sopop, zlazi u taħwir huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim li jirreferi għalih l-Artikolu 1 biex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Novembru 1985.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SCHLECHTER